HAŻ-ŻABBAR
Citta' Hompesch

**<u>Minuti tas-sebgha u hamsin laqgha tal-Kumitat Amministrattiv St Peter</u>**

Is-57 laqgha tal-Kumitat Amministrattiv St Peter saret nhar il-Hamis, 31 ta' Lulju, 2014.

Il-laqgha bdiet fis-6.30 ta' filghaxija b'talba. Iċ-*Chairperson*, is-Sur Mario Bartolo, ippresieda l-laqgha.

<u>Item 1 – Attendenza u Apoloġiji</u>

Preżenti kienu ċ-*Chairperson* is-Sur Mario Bartolo, il-Viċi-*Chairperson* is-Sur Luciano Farrugia, is-Sur Joseph Agius u s-Sur Norman Clews.

Is-Sur Nicholas Azzopardi kien skużat.

<u>Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti</u>

Il-minuti tas-56 laqgha ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Clews li ġiet issekondata mis-Sur Bartolo.

<u>Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti</u>

Is-Sur Norman Clews tkellem dwar ir-reċipjenti tal-*bring-in-sites* li tpoġġew fi Triq Haż-Żabbar u sahaq li dawn tpoġġew f'post hażin. Fuq proposta taċ-*Chairperson* li ġiet issekondata mis-Sur Farrugia, il-Kumitat Amministrattiv qabel unanimament li jressaq dawn ir-reċipjenti fil-post oriġinali fejn kienu tpoġġew l-ewwel darba.

Is-Sur Clews issuġġerixxa li l-Kumitat jiehu azzjoni wkoll biex jitnaddaf maġenb ir-*roundabout* ta' Triq San Leonardu.

Is-Sur Farrugia talab li jitwahhlu tabelli biex ma jintefax aktar skart f'postijiet li qed isiru *dumping sites*.

<u>Item 4 – Rapport Finanzjarju ta' Kull Kwart April – Ġunju 2014</u>

Fuq proposta tas-Sur Clews li ġiet issekondata mis-Sur Bartolo, il-Kumitat approva unanimament ir-rapport finanzjarju ta' kull kwart ghall-perjodu April – Ġunju, 2014.

Item 5 – Xogħol tal-Kumitat

Is-Sur Joseph Agius ipproponа li l-Kumitat Amministrattiv jikteb lir-residenti ta' Triq iż-Żarżarell u jitlob l-opinjoni tagħhom jekk it-triq għandhiex issir *one way* jew le. Is-Sur Bartolo ssekonda l-proposta tas-Sur Agius u l-Kumitat qabel unanimament li tintbgħat l-ittra lir-residenti tat-triq.

Is-Sur Agius tkellem dwar ir-rotta tal-karozza tal-linja nru 120 u qal li kienet intbgħatet ittra lill-Ministru għat-Trasport biex il-karozza tal-linja lejn u mill-isptar Mater Dei tibda tidħol fiż-żona ta' St Peter.

Is-Sur Farrugia semma x-xogħol li qed isir fi Triq Dun Salv Sciberras u saħaq dwar il-ħtieġa li l-bankina fi Triq l-Għakrux titlesta biex ma jkunx hemm aktar periklu għall-*pedestrians*. Huwa tkellem ukoll dwar il-ħtieġa li l-ħajt li nqala' minn Triq il-Farfett tal-Fejġel jerġa' jitpoġġa ftit aktar 'il isfel biex ma jibqax ta' periklu.

Is-Sur Bartolo qal li kien tkellem mal-Perit Matthew Briffa minn Transport Malta dwar ix-xogħol li għandu jsir fi Triq il-Farfett tal-Fejġel minħabba l-ilma li jżomm fit-triq wara li tagħmel ix-xita. Is-Sur Bartolo qal li dan ix-xogħol issa mistenni jinbeda hekk kif jitlesta x-xogħol fuq it-toroq li qed isiru f'St Peter.

Is-Sur Agius ipproponа li jitneħħew il-linji sofor li hemm fi Triq San Leonardu maġenb il-pitch tal-boċċi. Is-Sur Bartolo ssekonda lis-Sur Agius u l-Kumitat qabel unanimament li dawn il-linji sofor jitneħħew peress illi m'għadx għandhom użu.

Is-Sur Farrugia talab li tiġi rranġata Triq Ġdida fi Triq San Leonardu peress illi qed jidħol l-ilma f'residenza li hemm fit-triq kull meta tagħmel ix-xita.

Is-Sur Clews ipproponа wkoll sabiex tiġi rranġata l-art f'parti minn Triq San Leonardu maġenb il-*pitch* tal-boċċi.

Fuq proposta tas-Sur Clews li ġiet issekondata mis-Sur Farrugia, il-Kumitat qabel unanimament li l-Kunsill iġib stima sabiex issir bankina ġdida fi Triq San Leonardu minn Sqaq Alessi sal-bankina li għada kif tlestiet.

Fis-7.15 ta' filgħaxija s-Sur Farrugia talab li jkun skużat.

Is-Sur Bartolo semma l-ħtieġa li ssir tindifa ġenerali fil-*playing field* ta' St Peter u pproponа li jekk ma jkunx hemm żviluppi dwar l-iskema li applika għaliha l-Kumitat, issir manutenzjoni tad-*dustbins*, globi u xi strutturi li hemm imkissra.

Is-Sur Agius issuġġerixxa li jsiru żewġ *road humps* fi Triq San Leonardu.

Is-Sur Bartolo semma l-possibilità li tiġi rranġata parti mill-bankina fi Triq is-Sebellika.

Huwa talab ukoll li ssir spezzjoni fi Triq iż-Żagħrun biex possibilment issir mera faċċata tal-garaxxijiet li hemm fit-triq hekk kif tidħol minn Triq l-Għakrux.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.30 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fl-58 laqgħa tal-Kumitat li saret nhar il-Ħamis, 28 ta', Ġunju, 2014.

Mario Bartolo
*Chairperson*